TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 185/12-F

**Kevin Compton**

**vs**

**Manuel Hili**

Illum 5 ta' Novembru, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 t'Awwissu, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650), rappreżentanti depożitu li tah sabiex jiżbogħ il-ħitan ta' barra tad-dar tiegħu.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa ingaġġa lill-intimat sabiex jiżbogħ il-ħitan ta' barra tad-dar tiegħu u fuq talba tal-intimat illi talab għal depożitu kontinwi ammontanti għal sitt mija u ħamsin ewro (€650), u bejn skuża u oħra l-intimat ma setax ikompli x-xogħol, u għalhekk ir-rikorrenti qed jitlob il-flus lura.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet ma deherx għas-seduta, u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ. Kif ukoll it-Tribunal, jinnota illi l-intimat ma ssottomettiex risposta bil-miktub.

Għaldaqstant it-Tribunal jinnota n-nuqqas t'attendenza tal-intimat, kif ukoll il-kredibilta' tar-rikorrenti u qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888